KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA

Brussel, 6 ta' Diċembru 2004

15599/04

LIMITE

CRIMORG 145
ENFOPOL 191
EUROPOL 59
EUROJUST 98

RIŻULTAT TAL-PROĊEDIMENTI

Minn:	Segretarjat Ġenerali
Lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	15126/2/04 REV 2 CRIMORG 140 ENFOPOL 184 EUROPOL 58 EUROJUST 96
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iskambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni fir-rigward ta' reati terroristiċi

Fil-laqgħa tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2004 intlaħaq approċċ ġenerali dwar it-test mehmuż.

Id-delegazzjonijiet li ġejjin għad għandhom riżervi ta' skrutinju parlamentari: FR/IRL/NL u UK.

Il-Kunsill talab lill-Parlament Ewropew għall-opinjoni tiegħu fit-22 ta' April 2004 .

ANNESS

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iskambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni fir-rigward ta' reati terroristiċi

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari, l-Artikoli 29, 30(1), 31 u 34(2)(ċ) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Fil-laqgħa straordinarja tiegħu tal-21 ta' Settembru 2001, il-Kunsill Ewropew iddikjara li t-terroriżmu kien sfida reali għad-dinja u għall-Ewropa u li l-ġlieda kontra t-terroriżmu għandha tkun għan ta' prijorità ta' l-Unjoni Ewropea.

(2) Fid-19 ta' Ottubru 2001 il-Kunsill Ewropew iddikjara li huwa determinat li jiġġieled t-terroriżmu f'kull forma madwar id-dinja u li se jkompli bl-isforzi tiegħu biex isaħħaħ il-koalizzjoni tal-komunità internazzjonali biex tiġġieled it-terroriżmu f'kull għamla u forma, per eżempju billi tiżdid il-koperazzjoni bejn is-servizzi operattivi responsabbli mill-ġlied kontra t-terroriżmu: l-Europol, l-Eurojust, is-servizzi ta' l-intelliġenza, il-forzi tal-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji.

(3) Fil-ġlieda kontra t-terroriżmu huwa essenzjali għas-servizzi rilevanti li jkollhom l-iktar informazzjoni sħiħa u l-aktar aġġornata possibbli fl-oqsma rispettivi tagħhom. Is-servizzi nazzjonali speċjalizzati ta' l-Istati Membri, l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-korpi rilevanti tal-Unjoni Ewropea bħall-Europol u l-Eurojust assolutament jeħtieġu informazzjoni jekk iridu jwettqu l-kompiti tagħhom.

(4) Id-Deċiżjoni 2003/48/ĠAI tad-19 ta' Diċembru 2002 hija pass prinċipali il-quddiem. Il-persistenza tat-theddida terroristika u l-kumplessità tal-fenomenu iqajjmu l-ħtieġa għal dejjem aktar skambji ta' informazzjoni. L-għan ta' skambju ta' informazzjoni jeħtieġ li jiġi estiż għall-istadji kollha tal-proċedimenti kriminali, inkluż il-kundanni, u għall-individwi kollha u korpi korporattivi, gruppi jew entitajiet investigati, misjuba ħatja jew ikkundannati għal reati terroristiċi.

(5) L-għanijiet ta' l-azzjoni proposta ma jistgħux għaldaqstant jintlaħqu b'mod sodisfaċenti mill-Istati Membri li jaġixxu waħedhom u għalhekk, minnħabba l-bżonn ta' reċiproċità, jistgħu jintlaħqu aħjar mill-Unjoni, li tista' għaldaqstant taġixxi kif xieraq skond il-prinċipju ta' sussidjarjità. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalitá, din id-Deċiżjoni ma teċċedix dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

5a) Fl-esekuzzjoni ta' l-iskambju ta' informazzjoni, din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall- interessi essenzjali ta' sigurtà nazzjonali, it-tqegħid fil-periklu tas-suċċess ta' investigazzjoni kurrenti jew is-sigurtà ta' individwi, jew attivitajiet speċifiċi ta' intelliġenza fil-qasam tas-sigurtà ta' l-Istat.

(6) Din id-Deċiżjoni tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) "reati terroristiċi": ir-reati speċifikati fl-Artikoli 1 sa 3 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu[1];

[1] ĠU L 164, 22.6.2002, p.3.

(b) "Il-Konvenzjoni Europol": il-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 dwar l-istabbiliment ta' Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija [1];

(ċ) "Id-Deċiżjoni Eurojust": id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI tat-28 ta' Frar 2002 li tistabbilixxi l-Eurojust bl-għan li tirrinforza l-ġlieda kontra kriminalità serja[2];

(d) "grupp jew entità": "gruppi terroristiċi" fis-sens ta' l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 u l-gruppi u l-entitajiet elenkati fl-Anness għall-Posizzjoni Komuni 2001/931/PESK.

Artikolu 2

Skambju ta' informazzjoni fir-rigward ta' reati terroristiċi

1. Kull Stat Membru għandu jinnomina servizz speċjalizzat fis-servizzi tal-pulizija tiegħu jew awtoritajiet oħra ta' l-infurzar tal-liġi, illi, b'mod konformi mal-liġi nazzjonali, ikollu aċċess għal u jiġbor l-informazzjoni rilevanti kollha li tikkonċerna u tirriżulta mill-investigazzjonijiet kriminali mmexxija mill-awtoritajiet tiegħu ta' l-infurzar tal-liġi dwar reati terroristiċi, u jibgħatha lill-Europol b'mod konformi mal-paragrafi 3 u 4.

2. Kull Stat Membru għandu jinnomina korrispondent nazzjonali ta' l-Eurojust wieħed, jew iżjed minn awtorità waħda fejn is-sistema legali tiegħu tipprovdi hekk, għall-kwistjonijiet ta' terroriżmu, jew awtorità ġudizzjarja xieraq jew awtorità kompetenti oħra li, b'mod konformi mal-liġi nazzjonali, għandu jkollha aċċess għal u tkun tista' tiġbor l-informazzjoni kollha rilevanti dwar prosekuzzjonijiet u kundanni għal reati terroristiċi, u tibgħatha lill-Eurojust b'mod konformi mal-paragrafu 4a.

3. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jassigura li ta' l-inqas l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 dwar investigazzjonijiet kriminali u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4a dwar presekuzzjonijiet u kundanni għal reati terroristiċi li jaffettwaw jew jistgħu jaffettwaw żewġ Stati Membri jew iżjed, miġbura mill-awtorità rilevanti, hija trasmessa lil:

---

[1] ĠU Ċ 316, 27.11.1995, p. 2.
[2] ĠU L 63, 6.3.2002, p.l.

a) Europol, b'mod konformi mal-liġi nazzjonali u mad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni Europol, għall-ipproċessar; u

b) Eurojust, b'mod konformi mal-liġi nazzjonali u fejn id-disposizzjonijiet tad-Deċiżjoni Eurojust hekk jippermettu, biex b'hekk Eurojust tkun tista' twettaq il-kompiti tagħha.

4. L-informazzjoni li għandha tiġi trasmessa lil Europol b'mod konformi mal-paragrafu 3 hija li ġejja:

a) *data* li tidentifika l-persuna, il-grupp jew l-entità;

b) atti taħt investigazzjoni u ċ-ċirkustanzi speċifiċi tagħhom;

ċ) l-offiża konċernata;

d) rabtiet ma' każijiet rilevanti oħra;

e) l-użu ta' teknoloġiji tal-komunikazzjoni;

f) it-theddida li ġġib magħha l-pussess ta' armi tal-qerda tal-massa.

4a. L-informazzjoni li għandha tiġi trasmessa lil Eurojust b'mod konformi mal-paragrafu 3 hija li ġejja:

a) *data* li tidentifika l-persuna, il-grupp jew l-entità li hi s-suġġett ta' investigazzjoni jew prosekuzzjoni kriminali;

b) l-offiża konċernata u ċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħha;

ċ) l-informazzjoni dwar kundanni finali għal reati terroristiċi u ċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' dawn ir-reati;

d) rabtiet ma' każijiet rilevanti oħra;

e) talbiet għall-assistenza ġudizzjarja, inkluż ittri rogatorji, indirizzati lil jew minn Stat Membru ieħor u t-tweġiba;

5. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jassigura li kwalunkwe informazzjoni rilevanti inkluża f'dokument, fajl, ħaġa ta' informazzjoni, oġġett jew mezzi oħra ta' evidenza, maqbuda jew konfiskati matul l-investigazzjonijiet kriminali jew proċedimenti kriminali b'rabta mar-reati terroristiċi jistgħu jsiru aċċessibbli malajr kemm jista' jkun, b'kont meħud ta' li ma jitpoġġewx f'periklu investigazzjonijiet kurrenti, għall-awtoritajiet ta' Stati Membri oħra interessati b'mod konformi mal-liġi nazzjonali u l-istrumenti legali internazzjonali rilevanti fejn qed jiġu mwettqa investigazzjonijiet jew fejn jistgħu jiġu mibdija, jew fejn prosekuzzjonijiet b'rabta ma' reati terroristiċi huma għaddejjin.

Artikolu 3

Timijiet konġunti ta' investigazzjoni

F'każijiet xieraq l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu timijiet konġunti ta' investigazzjoni biex iwettqu investigazzjonijiet kriminali f'reati terroristiċi.

Artikolu 4

Talbiet għal assistenza ġudizzjarja u infurzar ta' sentenzi

Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jassigura li talbiet minn Stati Membri oħra għal assistenza legali reċiproka u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi b'rabta ma' reati terroristiċi huma ttrattati b'urġenza u għandhom jiġu mogħtija prijorità.

Artikolu 5

It-Tħassir ta' disposizzjonijiet eżistenti

Id-Deċiżjoni 2003/48/ĠAI hija mħassra.

Artikolu 5 bis

Implimentazzjoni

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mad-disposizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni sa mhux aktar tard minn [daħħal data 9 xhur wara d-dħul fis-seħħ].

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Magħmula fi Brussel,

Il-President *Għall-Kunsill*